MCCAA

MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

MIZZI HOUSE, NATIONAL ROAD,
BLATA L-BAJDA ĦMR9010,
MALTA

+356 2395 2000

**29 ta' Ottubru, 2018**

**AVVIŻ PUBBLIKU MAĦRUĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR) FI ĦDAN L-AWTORITÀ TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR**

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), qiegħda toħroġ dan l-Avviż Pubbliku li bih qed tidentifika u tgħarraf lill-pubbliku li:

**Is-Sur Eman Zammit, detentur tal-karta tal-identità 506579 (M)**

ma onorax id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Il-konsumatriċi kienet ħadet sussidju ta' €360 mill-Awtorità tad-Djar sabiex tirranġa d-dar u rriżulta li x-xogħol ta' membrane sar kollu ħażin. Oriġinarjament, it-talba saret fir-rigward ta' persuna li ismu jidher fuq l-irċevuta tal-VAT, iżda fil-fatt ix-xogħol kien sar minn Eman Zammit, li għalhekk ġie imsejjaħ fil-kawża. Dan tal-aħħar la ssottometta risposta u lanqas attenda għas-seduta.

Wara li sema' lill-konsumatriċi, it-Tribunal innota l-verżjoni tagħha kienet kredibbli u aċċettabbli, u ordna lil Żammit iħallas l-ammont ta' €360 bl-ispejjeż kontrieh.

Josephine Borg
Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur)